StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

## IR-RABA' SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) ĦIN: SIEGĦA U NOFS

**L-Isem:** ______________________________________ **Il-Klassi:** _______________

**1. Agħmel ĊIRKU madwar ĦAMES oġġetti li kienu jeżistu fis-SEKLU 19 meta Malta kienet taħt l-Ingliżi.**













**(Total: 5 x 1 = 5 marki)**

**2. Agħmel sing taħt il-kelma li ma taqbilx mal-oħrajn. Ikkunsidra ż-żmien tal-ħakma Ingliża f'Malta.**

2.1 qoton, biedja, tarzna, turiżmu, sajd

2.2 kanuni, xkubetti, tarki, xwabel, fortizzi

2.3 Forti Tigné, Forti Rinella, Forti Sliema, Forti Binġemma, Victoria Lines

2.4 Sptar San Luqa, l-Ingieret, Sptar Mentali f'Ħ'Attard, Sptar Mater Dei, Sptar Navali f'Bighi

2.5 il-Karnival, l-Imnarja, Jum ir-Repubbllika, ir-Regatta, il-festa tar-raħal

**(Total: 5 x 1 = 5 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**3. Ittikkja ( ✓ ) dawk li kont issibhom f'Malta fis-seklu 19. SITTA biss hum**

StudentBounty.com

| | | |
|---|---|---|
| 3.1 | ferrovija | |
| 3.2 | ix-xogħol tal-qoton | |
| 3.3 | l-ajruport ta' Ħal Luqa | |
| 3.4 | l-Isptar San Luqa fi Gwardamanġa | |
| 3.5 | it-Teatru Rjal fil-Belt Valletta | |
| 3.6 | Forti Rinella | |
| 3.7 | il-*Breakwater* fil-Port il-Kbir | |
| 3.8 | il-karozzi tal-linja | |
| 3.9 | il-Port Ħieles f'Birżebbuġa | |
| 3.10 | il-*Victoria Lines* | |
| 3.11 | l-Università Tal-Qroqq l-Imsida | |
| 3.12 | it-Tarzna fil-Port il-Kbir | |

**(Total: 6 x 1 = 6 marki)**

**4. Agħżel it-tweġiba t-tajba dwar l-ewwel snin tal-ħakma Ingliża f'Malta.**

4.1 Fl-1813 l-Ingliżi għamlu lil Malta (*distrett, provinċja, kolonja*) fl-Imperu Ingliż.

4.2 L-Ingliżi mill-ewwel snin bdew jużaw lil Malta bħala (*ċentru turistiku, bażi navali, maħżen għall-armi tal-gwerra*).

4.3 L-Ingliżi ppruvaw idaħħlu l-istil (*Barokk, Medjevali, neo-Klassiku*) fil-bini ċivili f'Malta.

4.4 Wara t-Tieni Gwerra l-Gvern Malti bena diversi (*oqsma tad-djar, kerrejji, vilel*) biex itaffi l-problema ta' nuqqas ta' djar għall-ħaddiema.

4.5 Proġett kbir li l-Ingliżi għamlu f'Malta u li għadu jintuża sal-lum hu (*il-Victoria Lines, il-Breakwater, it-Teatru Rjal*).

4.6 Bosta fortifikazzjonijiet f'Malta tilfu l-importanza tagħhom (*bil-kisba tal-Indipendenza fl-1964, bl-invenzjoni tal-ajruplan fl-1903, bit-tmiem tal-bażi Ingliża fl-1979*).

**(Total: 6 x 1 = 6 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**5. Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**










5.1 Għid x'tara komuni bejn is-sorsi li jidhru hawn fuq.

____________________________________________________________ (1)

5.2 Fort Mosta tidher f'Sors __________ (1)

5.3 Forti Rinella tidher f'Sors __________ (1)

5.4 Parti mill-ħajt tal-*Victoria Lines* jidher f'Sors __________ (1)

5.5 X'tip ta' armamenti kienu jintużaw mis-suldati biex jiddefendu ruħhom kontra xi attakk mill-għadu? Semmi **tnejn**.

______________________________ ____________________________ (2)

5.6 X'armament speċjali kien tqiegħed fil-Forti Rinella?

____________________________________________________________ (1)

5.7 Għaliex il-fortizza li tidher f'Sors C inbniet bil-ħitan baxxi ħafna?

____________________________________________________________ (1)

**(Total: 8 marki)**

**6. Ikteb VERU jew FALZ għal dawn is-sentenzi.**

| | | |
|---|---|---|
| 6.1 | Fl-1813 Malta ntlaqtet mill-epidemija tal-pesta. | |
| 6.2 | Id-deni rqiq kienet marda li toqtol il-baqar. | |
| 6.3 | Fis-seklu 19 ħafna Maltin bdew jemigraw lejn l-Awstralja. | |
| 6.4 | Il-Gvern Malti għen lill-Maltin jemigraw billi ħallsilhom il-passaġġ. | |
| 6.5 | L-Ingliżi taw lill-Maltin l-ewwel Kunsill tal-Gvern fl-1887. | |
| 6.6 | Fl-1921 il-Maltin kisbu Gvern Responsabbli fi ħwejjeġ lokali. | |

**(Total: 6 x 1 = 6 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

7. **Imla l-vojt bil-kliem addattat dwar il-ġrajja tas-*Sette Giugno,* 1919.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *fortizzi* | *pesta* | *tallaba* | *qgħad* | *jemigraw* | *baċiri* |
| *navali* | *Krimea* | *bdiewa* | *Swejz* | *kummerċ* | *qoton* |

Fl-ewwel snin tagħhom f'Malta, l-Ingliżi għamlu l-Port il-Kbir ċentru għall- ______________. L-ekonomija ta' Malta qalgħet daqqa 'l isfel meta daħlet il- ____________ fl-1813. It-tkabbir tal- ___________ beda jonqos, żdied ħafna l- ___________ u kiber in-numru ta' ___________ fit-toroq. Biex itaffi din il-problema l-Gvern Ingliż beda jħajjar lill-Maltin ______________ lejn l-Afrika ta' Fuq.

Il-qagħda tjiebet ftit fi żmien il-Gwerra tal- _____________ meta l-portijiet servew ta' bażi ______________ għall-flotta Ingliża. Bil-ftuħ tal-Kanal ta' ___________ fl-1869 żdied ġmielu x-xogħol fl-inħawi tal-portijiet, tant li bosta ____________ Maltin ħallew ix-xogħol tar-raba' u marru joqogħdu qrib il-portijiet. F'dan iż-żmien ukoll l-Ingliżi kabbru t-tarzna bil-bini ta' _____________ u saħħew id-difiża bil-bini ta' bosta _____________ u batteriji.

**(Total: 12 x 1 = 12-il marka)**

8. **Ħares sewwa lejn dawn is-sorsi u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom.**



Sors D



Sors E

8.1 Is-sorsi D u E huma dwar ġrajja li seħħet f'Malta fl-1919. Kif inhi magħrufa din il-ġrajja?

_______________________________________________ (1)

8.2 Liema gwerra kienet għadha kemm intemmet ftit xhur qabel seħħet din il-ġrajja?

_______________________________________________ (1)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

8.3.1 Kif kienet il-qagħda tal-Maltin f'dak iż-żmien? TAJBA jew ĦAŻINA ( )

8.3.2 Għid għaliex? ____________________________________________

____________________________________________ (2)

8.4 Sors D juri l-politiċi Maltin waqt il-laqgħa tal- ____________________ (2)

8.5 Sors E juri suldati ___________ jferrxu lill- __________ fil-Belt Valletta. (2)

8.6 X'kien ġara biex din il-ġrajja spiċċat fi traġedja?

____________________________________________ (2)

8.7 Semmi miżura li ħa l-Gvern Ingliż biex itaffi xi ftit it-tbatija tal-ħaddiema Maltin wara din il-ġrajja.

____________________________________________ (1)

**(Total: 12-il marka)**

**9. Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

Fit-tieni nofs is-seklu 19 bdew deħlin f'Malta mezzi ta' trasport li bdew jibdlu l-mod tal-għajxien ta' bosta Maltin. Fl-1857 daħal l-omnibus li kien għamla ta' karozzin tawwali li kien jiflaħ iġorr sa 16-il passiġġier. Fl-1883 bdiet topera l-ferrovija mill-Belt sal-Imdina. Ftit snin wara beda jaħdem is-servizz tat-tramm mill-Belt lejn il-Kottonera u bliet oħra qrib il-portijiet bħal Birkirkara u Tas-Sliema. Lejn tmiem is-seklu s-servizz tal-lanċa għamlitha iktar faċli biex il-Maltin jaqsmu mill-Belt għall-Kottonera jew għal Tas-Sliema.

9.1 Semmi l-erba' mezzi ta' trasport li jissemmew fil-silta?

____________________________________________ (4)

9.2 Liema mezz ta' trasport kien jinġibed biż-żiemel? ____________________ (1)

9.3 Liema mezz ta' trasport kien jaħdem bil-faħam? ____________________ (1)

9.4 Liema mezz ta' transport kien jaħdem bl-elettriku? ____________________ (1)

9.5 Liema parti ta' Malta kienet moqdija tajjeb bit-trasport pubbliku sa tmiem is-seklu 19?

____________________________________________ (1)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

9.6 Semmi mezz ieħor ta’ trasport li daħal f’Malta fil-bidu tas-seklu 20.

_______________________________________________

9.7 Semmi **żewġ** raġunijiet għala l-Maltin bdew jużaw it-trasport pubbliku.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

9.8 Id-dħul tat-trasport pubbliku f’Malta kellu effett fuq il-għajxien tal-**Maltin tas-seklu 19**. Agħmel sing taħt **tlieta** tajbin.

(a) *Daħlu xogħlijiet u impjiegi ġodda għall-Maltin.*
(b) *Ħafna Maltin marru joqogħdu viċin il-portijiet fejn kien hemm it-trasport.*
(c) *Ħafna Maltin kellu jonfqu parti kbira mill-paga biex jużaw it-trasport pubbliku.*
(d) *Il-Gvern Ingliż kellu jibda jwessa’ t-toroq u jibni oħrajn ġodda.*
(e) *Ħafna Maltin marru joqogħdu fl-irħula għal aktar kwiet.*
(f) *Ħafna Maltin bdew jixtru l-karozza privata biex ikollhom aktar kumdità.* (3)

9.9 Liema **wieħed** mill-mezzi ta’ trasport pubbliku li jissemmew fis-silta għadu jopera sal-lum?

_______________________________________________ (1)

**(Total: 15-il marka)**

**10. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwar il-popolazzjoni ta’ Malta taħt l-Ingliżi.**

10.1 Il-popolazzjoni ta’ Malta fil-bidu tas-seklu 19 kienet madwar:
(*10,000 / 100,000 / 300,000*) ruħ. (1)

10.2 Iż-żieda fil-popolazzjoni tal-Belt Valletta wasslet għall-iżvilupp ta’ diversi subborgi. Semmi **tnejn** minnhom.

______________________ ______________________ (2)

10.3 Is-subborg ta’ Raħal Ġdid żviluppa minħabba żvilupp kbir fit- ______________. (1)

10.4 Semmi **effett negattiv** li ġabet magħha ż-żieda fil-popolazzjoni.

_______________________________________________ (1)

**(Total: 5 marki)**

**11. Agħżel TNEJN minn dawn it-temi. Fuq kull wieħed minnhom ikteb fit-tul (mhux inqas minn TMIEN sentenzi).**

11.1 L-Industrija tal-biedja fis-seklu 19
11.2 Il-festa tradizzjonali tal-Maltin fis-seklu 19 u 20
11.3 Il-Kwistjoni tal-Lingwa
11.4 Kif it-Tieni Gwerra Dinjija laqtet l-għajxien tal-Maltin
11.5 Il-qagħda tad-djar tal-Maltin fis-seklu 19
11.6 Il-Kunsilli tal-Gvern tal-Maltin taħt il-ħakma Ingliża

**(Total 2 x 10 = 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

Tema 1

Tema 2

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers